CCT/62/21/S

Alfreda Licari

vs

Thomas Bartolo

Illum 2 ta' Marzu, 2023.

It-Tribunal,

Ra l-Avviż tat-Talba ta' Alfreda Licari ippreżentata fit-12 t'April, 2021 u kif ukoll ra r-risposta tal-intimat Thomas Bartolo ippreżentata fis-6 t'Ottubru, 2021;

Ra d-dokumentazzjoni ippreżentata, u sema' x-xhieda u t-trattazzjoni;

It-talba tar-rikorrenti u l-eċċezzjonijiet tal-intimat

Ir-rikorrenti Alfreda Licari qed titlob is-somma ta' €4,300, minħabba xogħol li ma tkompliex u allegatament xogħol ħażin li wettaq l-intimat kif ukoll diversi ħsarat kif spjegati fit-talba tagħha;

Min-naħa tiegħu l-intimat Thomas Bartolo permezz tal-avukat tiegħu eċċepixxa illi huwa tħallas wara kull biċċa xogħol li kien lesta u għalhekk skont hu, r-rikorrenti kienet tispezzjona x-xogħol u mbagħad tħallas. Hu spjega wkoll ix-xogħol illi huwa wettaq fir-residenza tar-rikorrenti;

Il-provi prodotti

Ir-rikorrenti Alfreda Licari ippreżentat rapport ikkummissjonat mill-perit Etienne Magri fejn skont dan l-

istess perit huwa spezzjona l-propjeta' 201, Triq Sammat, Paola u wara li spezzjona din il-propjeta', huwa ikkonkluda illi kien sar xogħol ħażin minn ċertu Thomas Bartolo minħabba l-kisi tal-ħitan esterni tal-istess propjeta' u minhabba li ħarġu diversi xquq u anke waqa' t-tikħil.

Fl-opinjoni tal-istess perit *ex parte*, ix-xogħol ma sarx skont is-sengħa u l-arti u jrid jerġa' jsir mill-ġdid;

Alfreda Licari xehdet illi Thomas Bartolo kien beda x-xogħol pero' dan ma tkompliex min-naħa tal-intimat, hija stqarret illi kienet ħallsitu €4,300 sal-ġurnata ta' meta hija xehdet quddiem dan it-Tribunal;

Min-naħa tiegħu l-intimat Thomas Bartolo ippreżenta Affidavit, fejn stqarr bil-ġurament tiegħu illi Alfreda Licari kienet qabdet lilu biex jagħmel diversi xogħolijiet fosthom f'żewġt ikmamar waħda kamra tal-banju u l-oħra washroom, f'kamra tas-sodda fejn naddfilha x-xorok u qagħad idur il-fili, u kesa l-bitħa bir-ramel u s-siment, li kienet għolja tlett sulari. Huwa stqarr ukoll li l-materjal konness max-xogħol ħallsu hu u li Alfreda Licari kienet tħallsu għal kull biċċa xogħol li kien ilesti. L-istess intimat ikkonferma fl-Affidavit tiegħu illi wara xi tlett xhur li kien lesta x-xogħol, ir-rikorrenti kienet qaltlu li kienu qed joħorġulha xi konsenturi u li skont hu dan kien tort illi ma kienx sar tbaqqin tal-ġebla qabel inksiet, u skont hu, huwa kien qalilha biex jagħmel hekk, pero' hi ma riditx għax hi kienet mgħaġġla u riedet teħles dawn ix-xogħolijiet. Huwa ċaħad illi ikkawżalha xi danni;

Konsiderazzjonijiet

Fl-ewwel lok dan it-Tribunal jrid jara jekk it-talba mitluba jew qualsiasi kumpens huwiex ġustifikat. L-inkwirenti apparti x-xhieda tal-partijiet għandu quddiemu rapport ta' perit *ex parte* li pero' ma ġiex kontradett minn ebda eżami professjonali ieħor għajr għax-xhieda tal-istess intimat;

Jidher mix-xhieda prodotta li l-ammont ta' kumpens mitlub mir-rikorrenti hu wieħed eċċessiv fiċ-ċirkostanzi u skont il-provi prodotti, għalkemm ħarġu xi konsenturi, dawn jistgħu kienu kawża ta' dak li qal l-intimat u ċioe' minħabba li ma kienx tbaqqan il-hajt qabel sar it-tikħil, kif ukoll minħabba illi l-bini seta' jkompli jistrieħ;

Jingħad illi jekk effettivament l-intimat kien qal lir-rikorrenti biex ibaqqan il-ħajt qabel isir it-tikħil u r-rikorrenti allegatament kienet kuntrarja għal dan minħabba li kienet mgħaġġla, l-intimat imissu ta dan il-parir bil-miktub u r-rikorrenti tiffirma illi hi ma kinitx qed tieħu dan il-parir minn qabel u mhux wara li jinqalgħu l-problemi;

Għalhekk fl-opinjoni tat-Tribunal, l-intimat għandu jagħti kumpens, li għandu jitħallas mill-intimat lir-rikorrenti fl-ammont ta' €600 (sitt mitt ewro), li qed jiġi stabbilit *ex aequo et bono;*

<u>Decide</u>

Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq spjegati, wara li sema' x-xhieda kollha u wara li ħa konjizzjoni tal-provi kollha u fiċ-ċirkostanzi tal-każ u wara li ra l-Kap 378 tal-Liġijiet ta' Malta, t-Tribunal qiegħed Jaqta' u Jiddeċiedi billi Jilqa' *in parte* t-talba tar-rikorrenti u l-eċċezzjonijiet tal-intimat, b'dan illi l-intimat Thomas Bartolo għandu jħallas lir-rikorrenti Alfreda Licari s-somma ta' €600 (sitt mitt ewro). It-Tribunal Jordna illi kull parti għandha tħallas l-ispejjeż rispettivi ta' dawn il-proċeduri.

Richard Sladden Av.
Arbitru